MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1308/2003

**Mark Gauci**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Gunju, 2003 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur l-ammont da likwidarsi li ma jeccedix l-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) ghad-danni minnu kkagunati lill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAE-073 propjeta` ta' l-attur, inkluz prezz ta' survey u ammont dovut bhala telf ta' uzu tal-vettura;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta’ Lulju, 2003, fejn intqal illi l-konvenut qieghed jikkontesta t-talba attrici peress illi huwa bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghal xi danni li seta’ sofra l-attur u dana inter alia peress illi waqt il-hin ta’ l-allegat incident il-konvenut kien safa’ aggredit, imsawwat u ferut mill-attur huh u shab l-attur u kien fin-necessita attwali u immedjata li jirrikorri ghall-ghajnuna sia medika u polizjeska;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**
**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Ra l-verbal tat-2 t’Ottubru, 2003, fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara li hemm kawza quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet inversi, u ghalhekk talab li dan it-Tribunal jissoprassjedi.**

**Ra l-verbal tat-28 t’Ottubru, fejn id-difensur tal-attur oppona ghas-soprassessjoni billi l-mertu tal-kawza fl-ismijiet inversi huwa separat mill-incident ta’ din il-kawza.**

**Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet fuq dan il-punt preliminari.**
**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz prezenti jirrigwarda danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu numru FAE-073, allegatament kagunati mill-konvenut.**
**2. Il-konvenut qed jghid illi « waqt il-hin ta’ l-allegat incident il-konvenut kien safa aggredit, imsawwat u ferut mill-attur huh u shab l-attur… »**
**3. Il-konvenut qed jghid li dan it-Tribunal ghandu jissoprassjedi sakemm tigi deciza l-kawza prezentata fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet « Joseph Camilleri vs Mark u Margaret konjugi Gauci, Noel u Lydia konjugi Gauci u Mario u Josephine konjugi Gauci » Citaz. Nru.782/02JRM.**
**4. It-Tribunal innota t-talbiet li qed isiru fil-kawza prezentata fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili, huma talbiet ghad-danni li allegatament sofra Joseph Camilleri meta dana allegatament gie aggredit, u dana prevja li jigu dikjarati responsabbli l-konvenuti jew min**

**minnhom ghall-incident, u « cioe` li fit-2 ta' Lulju, 2001, aggredew lill-attur, u xjentement, volontarjament, u dolozament ikkagunawlu ferita ta' natura permanenti fuq il-persuna tieghu. »**

**5. Mill-kliem stess kif inhi redatta c-citazzjoni imsemmija it-Tribunal ma jsib ebda riskontru mat-talba li prezentement ghandu quddiemu, li hija kawza ghad-danni fil-vettura ta' l-attur. Dik it-talba fic-citazzjoni tidher li qed tirreferi ghad-determinazzjoni ta' responsabilita` ta' l-incident fil-konfront tal-persuna ta' Joseph Camilleri, pero` b'ebda mod ma jidher li din tista' tincidi dwar ir-responsabilita` o meno dwar il-hsara fil-vettura ta' l-attur fil-kaz odjern. Ma jistghax jaqbel it-Tribunal li dan kien l-istess incident kif qed jissottometti l-abbli difensur tal-konvenut.**

**6. Huwa minnu li l-Artikolu 7(2) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi :**

**« It-Tribunal ghandu jissoprassjedi l-procediment tieghu jekk :**

**a. il-parti tattakka t-talba bil-mezz ta' eccezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa' barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal ; u /jew**

**b. ikun hemm pendenti quddiem qorti kompetenti azzjoni, li l-ezitu taghha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu. »**

**7. Issa fil-kaz odjern il-konvenut qed jattakka t-talba permezz ta' eccezzjoni u jghid li bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghad-danni li garrab l-attur. Il-konvenut ghogbu jallaccja l-incident li fuqu qed isir dan il-kaz ma dak li qed jghid fil-kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fejn trid tigi determinata r-responsabilita` ghall-aggressjoni tal-konvenut.**

**8. It-Tribunal huwa tal-fehma li jrid jkun hemm ness dirett bejn l-eccezzjoni moghtija u t-talba principali sabiex it-Tribunal ikun gustifikat li jissoprasjedi skond kif jipprovdi l-Artikolu 7(2)(a) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu in kwistjoni m'ghandux jinghata nterpretazzjoni wiesgha, izda fl-interpretazzjoni ta' l-istess, it-Tribunal irid ikun konvint li effettivament il-meritu ta' kawza fil-Prim' Awla ser jincidi fuq dik prezentata quddiem it-**

**Tribunal. F'dan il-kaz dak li ghandu jigi indagat huwa r-responsabilita` o meno tal-konvenut ghad-danni li garrab l-attur fil-vettura u mhux l-aggressjoni li seta' sofra l-konvenut.**

**9. Fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li d-decizjoni tal-Prim'Awla li tista' tinghata fil-konfront tal-konvenut ser b'xi mod tirrigwarda din id-decizjoni, jew ser ikun hemm xi dikjarazzjoni dwar dak li hu l-meritu ta' din id-decizjoni.**

**10. It-Tribunal jifhem li setghu graw hafna affarijiet « inter alia » fl-incidenti li mid-dehra sehhu dak in-nhar, pero` dak li qed jinvestiga t-Tribunal huwa incident li l-ezitu tieghu ma jiddependix mill-ezitu tal-kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba tal-konvenut sabiex it-Tribunal jissoprassjedi, peress illi ma hemmx dawk ir-rekwiziti imsemmija fl-Artikolu 7 tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, u jordna l-prosegwiment tal-kaz.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------